MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' April, 2003

Citazzjoni Numru. 754/2001/1

**Jasmine Bartoli**

**vs**

**Dr. Beppe Fenech Adami u l-Prokuratur Legali Louisa Tufigno li b'digriet tas-16 ta' Mejju 2001 gew nominati bhala Kuraturi Deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Shajidas Palenta Kandi**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu fl-4 ta' Mejju 1998 fir-Registru Pubbliku (Dokument "A").

Illi minn dan iz-zwieg kellhom tifel, Sian, li twieled fit-3 ta' Novembru 1999.

Illi dan iz-zwieg huwa null minhabba illi l-kunsens tal-kontendenti kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li tagdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg u dan *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta;**

Illi dan iz-zwieg huwa null ukoll minhabba illi l-kunsens tal-kontendenti nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg u dan *ai termini* **talartikolu 19 (1) (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta,**

Illi l-istess attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

**(1)** Tiddikjara null iz-zwieg tal-kontendenti li sehh fl-4 ta' Mejju 1998 *ai termini* tal-**artikoli 19 (1) (d) u (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**(2)** Tapplika kontra l-konvenut *in mala fede* l-effetti kontemplati fl-**artikolu 20 tal-istess Kap. 255** u b'mod partikolari **s-subincizi (3) u (5) tal-istess artikolu 20.**

(3) Taghti kull prowediment opportun dwar il-minuri.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 u 5 tal-process;

Rat ir-rikors tal-attrici Jasmine Bartoli tat-2 ta' Mejju 2001 fejn talbet in-nomina ta' kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Shajidas Palenta Kandi fl-atti tal-kawza u fl-atti kollha relattivi u sussegwenti.

Rat id-digriet sussegwenti tal-Qorti tas-16 ta' Mejju 2001 fejn il-Qorti laqghet it-talba u nnominat lil Dr. Beppe

Fenech Adami u lill-Prokuratur Legali Louisa Tufigno bhala kuraturi ghall-finijiet kollha tal-ligi.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati tal-15 ta' Jannar 2002 a fol. 21 fejn gie eccepit:-

1. Illi huma mhumiex edotti mill-fatti li taw lok ghal din il-kawza.

Illi huma jirriservaw illi jipprezentaw eccezzjonijiet ulterjuri jekk u meta huma jkunu gew edotti mill-fatti.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati a fol. 22 tal-process.

Rat il-verbali tal-1 ta' Frar 2002 fejn din il-kawza giet differita biex tibda tinstema' minn din il-Qorti kif prezentament presjeduta mill-Onor. Imhallef Raymond C. Pace; u tat-2 ta' Mejju 2002 fejn inghata digriet affidavit tal-partijiet b'terminu ta' erbghin (40) gurnata kull wiehed.

Rat ir-rikors tal-attrici Jasmine Bartoli datat 4 ta' Gunju 2002 fejn talbet estensjoni fit-terminu ghall-prezentata tal-affidavits taghha u tax-xhieda minnha ndikati, liema talba giet milqugha mill-Qorti b'digriet tal-5 ta' Gunju 2002 fejn il-Qorti estendiet it-terminu bi tletin (30) gurnata ohra mid-data tad-digriet.

Rat in-nota tal-attrici tat-3 ta' Lulju 2002 li permezz taghha esebiet l-affidavit taghha stess, u dik tal-5 ta' Lulju 2002 fejn esebiet zewg affidavits ohra, cjoe' dak ta' Randolph Joseph Bartoli u Mary Grace Bartoli.

Rat il-verbal tad-29 t'Ottubru 2002 fejn il-Kuratur Deputat Dr. Beppe Fenech Adami esebixxa dokumenti li juru li huwa kkomunika ma' l-assenti li rrimetta ruhu ghall-atti processwali. Il-Qorti laqghet talba ta' Dr. Louis Thompson ghall-attrici li talab korrezzjoni fic-citazzjoni attrici, fis-sens li l-kelma *"Palentakandi"* tinqasam fi tnejn u tigi taqra *"Palenta Kandi"*, u ordnat li ssir il-korrezzjoni kif rikjesta fl-atti tac-citazzjoni u fl-atti kollha tal-kawza. Dr. Beppe Fenech Adami ta ruhu b'notifikat bl-atti kif korretti. Dr.

Louis Thompson pprezenta nota fejn ceda t-tieni u t-tielet talba attrici, u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 t'April 2002.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (i) PROVI PRODOTTI.

L-attrici **Jasmine Bartoli** fl-affidavit taghha sostniet hekk:-

*"Jiena twelidt fl-1978 u ghalhekk llum ghandi erbgha u ghoxrin (24) sena. Il-papa` tieghi jismu Randolph Joseph Bartoli u jahdem bhala perit. Il-mama` jisimha Mary Grace u ma tahdimx, pero' tiehu hsieb id-dar u lill-familja. Ghandi zewg huti li jisimhom Randolph Nicholas li ghandu ghoxrin (20) sena, u Pearl li ghandha tmintax-il (18) sena.*

*L-iskola li kont immur fiha fil-gradi ta' 'kindergarten', primarja u sekondarja jisimha "Our Lady Immaculate School". Din hija skola mmexxija mis-sorijiet u dan il-fattur nahseb li halla nfluwenza kbira fil-hajja tieghi. Lis-sorijiet kont narahom 'strict' izzejjed maghna. Hajti spiccat ristretta ghall-ahhar u l-liberta' tieghi kont inhossha bhallikieku ma baqghetx tezisti aktar. Jiena nista' nghid li din l-imgieba tas-sorijiet lejn l-istudenti gabitli antipatija kbira lejhom u ghadni b'dan is-sentiment sal-lum.*

*Meta kont zghira kelli nfluwenza pjuttost negattiva tal-hbieb li kont inkun maghhom. Niftakar partikolarment habiba Maltija li kellha ommha Ngliza, u li kienet separata minn mar-ragel taghha u tghix ma' ragel iehor. Din it-tfajla kienet naqra hajja. Kont inkun irrid norqod ghandhom pero' ommi ma kenitx thallini. Hawn bdejt inhoss illi anke l-familja tieghi kienet qeghda tirrestringili l-liberta'. Din l-oppressjoni kienet qeghda ddejjaqni u*

*kont gja' qed nahseb kif ser infittex li ngawdi l-liberta' tieghi.*

*Id-dar kont nghix f'kumdita' kbira. Id-dar taghna hija kbira u qatt ma naqasna xejn. Dejjem sibna dak li ridna u nahseb li meta kont zghira kont anke xi ftit imfissda. Ir-restrizzjonijiet tal-hrug li semmejt fuq kienu ghalhekk idejquni hafna.*

*Meta kelli tmintax-il sena (18) s-sitwazzjoni nbidlet. Id-dixxiplina fid-dar tieghi illaxkat sew u kwazi saret inezistenti. Kienu dejjem ituni dak li rrid. Ta' tmintax-il sena kelli karozza 'Oper Corsa' gdida. Mill-flus qatt ma kont nieqsa u meta kont nitlob lill-genituri dejjem kienu jaghtuni kemm kelli bzonn. Kont inhobb nohrog hafna ma' hbiebi u nixxala u ma kelli l-ebda hsieb jew attenzjoni, la ghall-istudju u lanqas ghax-xoghol.*

*Ma' kelli ebda hinijiet stretti ta' x'hin nohrog u x'hin nidhol u l-uniku hsieb li kelli kien li ngawdi l-hajja, ngawdi l-liberta' li kien ghadni kemm akkwistajt, u dan specjalment billi kont nohrog mal-guvintur. Ta' eta' zghira kont gia' bdejt nohrog ma' numru ta' guvintur u qatt ma kelli lanqas hsieb li nibni xi relazzjoni serja ma' xi hadd. Fil-fatt qatt ma dahhalt 'boys' ohra d-dar qabel Shajidas.*

*Kif ghidt, qabel iltqajt ma' Shajidas kont gja' nohrog sikwit ma' 'boys' ohra. L-aktar li kont indum ma' guvni kien xi tliet xhur pero' rarament domt daqshekk. Regolarment kien ikolli relazzjonijiet sesswali u mhux dejjem kont niehu prekawzjonijiet biex ma nohrogx tqila, anzi nghid li rari kont nahseb fuq hekk. Kont inhalli f'idejn il-'boys' jekk iridux jiehdu prekawzjoni jew le.*

*Jiena ltqajt ma' Shajidas meta kellha (19) dsatax-il sena. Ltqajna f'bar go Paceville li jismu 'Ghall-Kafe`'. L-ewwel reazzjoni tieghi meta ltqajt mieghu kienet li bzajt minnu u lill-habiba tieghi (Lisa) dakinhar ghidtilha. "ejjew nitilqu l-barra minn hawn li ma jmurx jigi jkellimna".*

*Ahna w hergin waqqafna biex jitlobna sigarett, bdejna nitkellmu u beda jghidilna biex ma mmorrux ha joffrilna kafe'. Jien kont tajtu t-telefon tax-xoghol verbalment - dan kien numru twil peress li kont nahdem mal-Gvern (skrivana fil-Contracts and Procurement Section Works Division - kien ilni xi sena) - bl-idea li ma kienx ser jiftakru. Niftakar li kien xurban, kellu ghajnejh homor nar u ghidt li mhux ser jiftakru n-numru.*

*Kien jahdem il-'Bamboo Bar' dak iz-zmien. Iltqajt mieghu f'bar iehor peress illi kien ghadu kemm spicca mix-xoghol tieghu fil-bar li semmejt. It-Tnejn ta' wara li Itqajna cempilli biex nitlaqghu. Ghall-ewwel ghidtlu "le" pero' wara li baqa' jinsisti ghidtlu "all right". Konna ltqajna tas-Sliema u ghidt lil habibti tigi mieghi u morna d-dar ta' koppja mill-Gzira.*

*Shajidas kellu hbieb mizzewgin hawn Malta li z-zwieg taghhom llum tharbat pero' dak iz-zmien kienu fi zwieg li ma kienx normali. Dawn kienu zewg koppji hbieb tieghu, koppja li kienet toqghod ir-Rabat u koppja ohra li kienet toqghod il-Gzira. Il-mod kif kienu jghixu ma kienx ta' koppja normali. Kien ikollhom dejjem hafna hbieb id-dar li jdumu jixxalaw sa' tard bil-lejl, gieli anke sas-2:00 a.m. Il-koppji kienu johorgu ghal rashom u kienu jghixu qishom mhux mizzewgin. Ahna konna mmorru hafna ghandhom ghax kienu hbieb ta' Shajidas.*

*Dawn kienu ta' eta' ftit akbar minn taghna. Il-mara ta' koppja minnhom kienet tahdem. Kellha hanut ta' affarijiet orjentali u r-ragel ma kienx jahdem. Ftit wara kien ghamel kumpanija li taghmel il-programmi fuq it-TV pero' din wara ftit taz-zmien falliet.*

*Il-koppja tar-Rabat kellha zewgt ibniet. Avolja bit-tfal, il-mod kif kienu jghixu kien li qishom mhux mizzewgin. Jiena kont nithassarhom lit-tfal peress li ma kenux qed jitrabbew f'atmosfera kif tlajt jiena. Kien ikun hemm storbju shih b'hafna muzika orjentali tip tal-Indja.*

*Dawn il-persuni kienu kollha ffissati fuq l-Indja. L-ambjent ta' dawn id-djar kien ambjent Indjan. Kienu jpejpu*

*sigaretti tal-Indja, kien ikun hemm incens tal-Indja u muzika orjentali u xorb.*

*Konna mmorru ghandhom qabel izzewwigna. Ghall-bidu peress li Shajidas kien joqghod hdejn koppja minnhom, tal-Gzira, konna mmorru ghandhom kuljum.*

*Meta kont nara hekk kont nghid li z-zwieg wara kollox mhix xi haga difficli, passiggjata, tista' tkompli tiddeverti u tixxala u m'hemmx xi responsabbilta' daqs kemm jghidu. Milli kont nara ghand dawn il-hbieb iz-zwieg ma jidhirx li kien ta' ebda xkiel biex tkompli tiddeverti u ma jidhirx li kien ser inaqqasli l-liberta'.*

*Shajidas kien jghidli li meta nizzewgu nghixu hajja bhal taghhom ghax sabiha, dejjem bil-hbieb u bla responsabbilta'. Qatt ma tkellimna la fuq tfal u lanqas fuq xi pjanijiet serji ta' x'ser naghmlu meta nizzewgu. Il-hsieb taghna kien biss kif ser ngawdu l-hajja.*

*Kien staqsieni biex nizzewgu xi ftit gimghat wara li ltqajna u jiena accettajt. Hu qalli biex niddeciedi l-gurnata u jiena ghidtlu biex inhallu ftit snin jghaddu. Meta ghidtlu hekk kien wegibni: "jew issa jew xejn".*

*L-attitudini tieghu mieghi kienet wahda bierda meta hadtu jiltaqgha mal-genituri tieghi l-ewwel darba f'Dicembru 1997. Waqt li konna fil-karozza sejrin id-dar tieghi qalli li hu kien sejjer lura l-Indja. Meta staqsejtu x'ser jigri minna qalli biex jien immur ghal rasi u hu jmur ghal rasu. Wara li tlaqna mid-dar tal-genituri tieghi l-imgieba tieghu nbidlet. Ma nafx jekk kienx impressjonat bil-fatt illi l-genituri tieghi joqghodu f'Villa pjuttost kbira.*

*Ghall-habta tal-ahhar ta' Dicembru 1997 iddecidejna li mmorru nghixu ghal rasna. Sibna 'flat' tas-Sliema u morna nghixu fih f'Jannar 1998.*

*F'nofs Jannar Shajidas mar ikellem lill-Kummissarju Gholi tal-Indja f'Malta biex isaqsih jekk nistghux nizzewgu fil-Kummissjoni u x'inhuma l-arrangamenti li kellhom isiru. Hu dahal wahdu jkellem lill-Kummissarju u ghalhekk*

*ma nafx x'intqal bejniethom pero' meta hareg qalli li l-Kummissarju kien ser jiehu hsieb ta' kollox.*

*Jiena tlaqt ix-xoghol li kont qed naghmel ghal habta ta' nofs Frar 1998. Ir-raguni li tlaqt kienet li kont iddejjaqt f'dak it-tip ta' xoghol li kont qed naghmel u barra minn hekk kien hemm principal gdid li kien qieghed idejjaqni. Kont qieghed niddejjaq ukoll peress illi filwaqt illi jiena kont nahdem Shajidas ma kien jaghmel xejn u ma ridtx li dan jghix minn fuq dahri. Ghalhekk ghidt illi jekk nieqaf nahdem dan kien ikollu jara x'jaghmel biex isib xoghol.*

*Xi ftit wara ddecieda li jibda kumpanija u qalli biex insaqsi lil missieri sabiex isellfu xi flus biex jirregistraha. Jiena kont ghamiltilu cara dak iz-zmien li ma ridtx lil missieri jsellifna l-flus ghal ebda raguni u li jiena ma kontx ser nghidlu biex isellifna. Kien imissna niehdu hsieb ahna taghna nfusna. Peress li rajt li ma kienx kuntent u biex jieqaf igerger hrigt il-flus kollha li kelli l-bank u tajthomlu*
*.*
*F'nofs Marzu 1998 irrealizzajt li kont hrigt tqila u ghalhekk saret aktar urgenti li nizzewgu. Dejjem kien imur wahdu jkellem lill-Kummissarju Gholji tal-Indja ghal Malta u kull darba kien jghidlu li dalwaqt nizzewgu. Gieli anke tani xi dati li pero' kienu jigu posposti u dan sakemm darba qalli li ggieled mal-Kummissarju u li dan ma riedx izewwigna.*

*Qabel hrigt tqila jien u Shajidas kien ikollna relazzjoni sesswali regolarment. Kien suppost jiehu hsieb hu dwar is-'safe period' peress li kont ninfurmah meta jkolli l-'period'. Jiena qatt ma tajt kaz dwar is-'safe period'. Dejjem hallejt kompletament f'idejh.*

*Iddecidejna li nizzewgu civilment pero' meta morna naghmlu l-indagini necessarji qalulna li riedu jghaddu xi xhur qabel stajna nizzewgu. Qabel skoprejna li kont hrigt tqila konna hsibna li mmorru vaganza l-Egittu u wara mmorru nghixu Dubai, pero' meta sirna nafu li kont hrigt tqila bdilna l-idea. Meta ghidna lir-Registratur taz-Zwigijiet li kellna l-biljetti biex immorru l-Egittu u Dubai irrangalna biex nizzewgu f'data aktar vicina.*

*Izzewwigna fl-4 ta' Mejju 1998. Xi ftit tal-granet wara suppost li kellna mmorru ghal 'honeymoon' pero' ahna u hergin mill-'airport' Shajidas kien arrestat peress illi kien instab illi d-data fuq il-Visa tieghu kienet mibdula.*

*Beda jfittex xoghol u f'nofs Awissu 1998 sab 'job' f'hanut tal-'computer' li jgib l-isem Computer Evolution Centre u li issa jissejjah New Millennium Computer Superstores.*

*Sadanittant konna sibna 'flat' l-Imsida pero' kien ghali wisq u ghalhekk wara xahrejn morna lura d-dar tal-genituri tieghi.*

*Fit-3 ta' Novembru 1998 twieled it-tifel taghna Sian.*

*F'Dicembru 1998 Shajidas beda jahseb biex jiftah kumpanija ma' habib tieghu. Kemm jiena kif ukoll missieri konna tajnih il-parir biex ma jitlaqx ix-xoghol li kellu izda jiftah il-kumpanija 'part-time' wara x-xoghol tieghu. Madanakollu fl-ahhar ta' Dicembru 1998 huwa telaq mix-xoghol minghajr ma qalli u kelli nkun naf minghand haddiehor. Ghall-ewwel cahad li kien telaq ix-xoghol izda wara ftit ammetta li dan kien vera.*

*Fil-bidu tas-sena 1999 huwa u hablb tieghu fethu kumpannija gdida jisimha 'Ushua Communications'. Sibna 'flat' fi Swieqi biswit l-ufficcju tieghu. Wara ftit xhur il-kumpannija falliet u ergajna morna nghixu mal-genituri tieghi. Missieri spicca biex hallas hafna mid-dejn tieghu li kien jammonta ghal madwar Lm35,000.*

*Meta rrejalizzajt li dan kien ser jistrieh fuq il-genituri tieghi kull meta jsib ruhu f'diffikultajiet finanzjarji kkonvincejtu sabiex jmur jghix barra minn Malta sabiex ikun il-boghod mill-genituri tieghi. Fl-ahhar t'Awissu 1999 morna nghixu f'Bahrain. Wara xahar jiena w ibni Sian gejna lura Malta sakemm jirrangawlna l-Visa. Ergajna morna fl-ahhar t'Ottubru u bqajna hemm sal-ahhar ta' Frar jew il-bidu ta' Marzu 2000.*

*Peress li xi hadd kien offrielu xoghol li kien jidher tajjeb fl-Egittu konna ddecidejna li mmorru nghixu hemm. Konna ftehmna li ghall-ewwel jiena u ibni nigu Malta sakemm hu jirranga l-affarijiet tieghu dwar dan ix-xoghol fl-Egittu. Qabel kont gejja Malta kien rega' talabni biex jissellef xi flus minghand il-genituri tieghi u dan peress li skond hu kellu ncident stradali u ma kienx inxurjat u ghalhekk kellu jhallas kollox hu personalment. Waqt li kont qed nippakkja sibt li kelli xi gojjelli neqsin u meta ghidtlu qalli li kien hadhom biex itihom lil xi hadd li kellu d-dejn mieghu. Irrid nghid li ma' dawn il-gojjelli kien hemm bicciet li kienu ta' nannti u li sal-lum ghadni ma hadthomx lura.*

*F'Gunju tas-sena 2000 ibni kellu jaghmel operazzjoni u f'dan iz-zmien jiena ma stajtx nikkuntattja lil Shajidas peress illi hadd ma kien jaf fejn mar. Fil-gimghatejn li ibni kien l-isptar hadd ma kien jaf x'sar minn Shajidas. Konna smajna minghand xi hadd li kien jigi minnu li kien sab ruhu f'xi problemi u jidher li anke kien gie arrestat ghal xi xhur. Kont smajt zewg verzjonijiet ghala gie arrestat: wahda ghaliex ma hallasx il-kera tal-'flat' fejn konna qeghdin noqghodu. Il-verzjoni li tani hu hi li l-kumpanija li kien jahdem maghha meta semghet li kien ser jitlaq mix--xoghol biex imur jahdem ma' kumpanija ohra kienet hadet passi sabiex jigi arrestat.*

*Hawnhekk jiena ma stajtx nissaporti aktar pero' minhabba pressjoni tal-familja tieghi sabiex nipprova nirranga kont ergajt ippruvajt nara hemmx possibbilta' li s-sitwazzjoni titranga. Konna bqajna nikkomunikaw permezz tat-telefon u l-'e-mails'. Il-mod kif kien ikellimni kien bhal kieku ma gara xejn u din l-attitudni lili kienet tirrabjani hafna. Gieli kont nahseb li s-sitwazzjoni ser tirranga pero' aktar ma beda jghaddi z-zmien aktar bdejt nirrealizza li ma stajtx mmur lura. Ghall-ahhar tas-sena 2000 kont iddecidejt li z-zwieg taghna kien spicca u dan komplejt nikkonfermah meta ibni kellu jaghmel operazzjoni ohra f'Jannar 2001 u ghalhekk kellu jaghmel gimghatejn l-isptar. Stajt nifhem li ma setghax jigi Malta pero' ma stajtx nifhem kif lanqas biss indenja jcempel biex jara kif inhu t-tifel. Irrabjajt hafna meta rajt hekk u*

*komplejt ikkonvincejt ruhi dwar id-decizjoni tieghi. Kellha ccempillu ommi wara hamest ijiem biex tghidlu kif kien ghadda t-tifel tieghi.*

*Wara li ibni Sian hareg mill-isptar bdejt intarraflu li bejnietna kien spicca kollox u dan peress li ma kellix il-kuragg li nghidlu direttament. Meta ra hekk beda jitlef rasu u kien qieghed jipprova minn kollox biex jikkonvincini biex nibqa' nghix mieghu. Fil-bidu ta' Marzu 2001 ghidtlu li bejnietna kien spicca kollox definittivament. Il-komunikazzjoni ta' bejnietna naqset drastikament ghalkemm xi kultant icempel biex ikellem lil Sian.*

*Shajidas ghandu Isienu helu u jaf sewwa kif ipoggi l-kliem pero' biz-zmien skoprejt li minn dak li kien jghidli mhux kollox kien ikun minnu. Kien qalli li kienu hames ahwa u li hu kien tan-nofs. Issa sirt naf li dan mhux veru. Dan sirt nafu minghand ohtu u anke minghandu peress li ammetta li ma kienx qalli l-verita'.*

*Meta konna l-Bahrain, Shajidas kien jigi l-'flat' fejn konna noqghodu f'xi 9:00 p.m. u kien jerga' johrog regolarment u jhallini wahdi ma' ibni Sian. Kien jghid li kien ikun ghand shabu jilghabu l-karti. Kien jghid li jkunu qed jilghabu ghal ftit 'cents'.*

*Meta konna l-Bahrain kellna relazzjoni sesswali wahda biss. Minn Marzu 1998 sa meta tlaqt mill-Bahrain, fi Frar/Marzu 2000 kellna forsi hames relazzjonijiet sesswali ma' xulxin. Qabel Marzu 1998 kien ikollna relazzjoni kwazi kuljum. Meta kont nghidlu biex niehdu xi prekawzjonijiet kien joggezzjona u jiena, li kelli 19-il sena, ma kontx nirrezistih hafna.*

*Jiena mort fil-kumpanija li kien jahdem fiha l-Bahrain u kien anke weghdni li ser nahdem jien ukoll hemmhekk. Dan pero' qatt ma sehh. Din ukoll hija kwalita' ta' Shajidas li jwieghed hafna u wara ssib li fil-fatt ma jigri xejn.*

*L-ahhar li smajt minghandu kien f'Novembru 2001. F'Jannar 2002 baghat xi affarijiet ghat-tifel: 2 tops, video ta' kumpanija li suppost qieghed fiha hu u xi affarijiet zghar ohra.*

*Shajidas kien qalli li d-data tat-twelid tieghu li hemm fuq ic-certifikat taz-zwieg ma hix korretta. Darba qalli xi data ohra pero' ma niftakarhiex u anke kieku ma nahsibx li jkun qed jghidli l-verita'.*

*Jiena llum nirrealizza li ma kontx matura bizzejjed meta ddecidejt li niehu l-pass taz-zwieg. Ghalija dak iz-zmien iz-zwieg kienet avventura ohra bhall-ohrajn li ma kienet ser ittellifni xejn milli nkompli nghix kif kont nghix qabel.*

*Illum nirrealizza wkoll li Shajidas ma kellu ebda hsieb serju taz-zwieg u nahseb li zzewwigni ghall-iskopijiet tieghu fosthom ghall-flus tal-familja tieghi.*

*It-tifel illum qieghed mieghi. Jiena llum nghix god-dar tal-familja tieghi. Ghadni kemm spiccajt kors ta' sentejn fl-Institute of Tourism Studies u qeghda nahdem f'agenzija tal-ivjaggar. Meta kont fl-Institute u llum waqt il-hin tax-xoghol lit-tifel tieghi jiehdu hsiebu l-genituri. It-tifel, li llum ghandu tliet snin u tmien xhur, imur skola tal-'kindergarten'. Wara l-esperjenza qarsa li ghaddejt minnha nixtieq li nara li t-tifel tieghi jitla' fl-ahjar ambjent possibbli".*

**Randolph Joseph Bartoli** ukoll permezz tal-procedura tal-affidavit xehed illi:-

*"Jiena missier Jasmine Bartoli, l-attrici.*

*L-ewwel darba li jien u l-mara tieghi, Mary Grace, smajna dwar ir-ragel ta' Jasmine, Shajidas, kien waqt li konna qeghdin nieklu barra fir-restaurant 'Re del Pesce'. Dakinhar Jasmine qaltilna li riedet tizzewweg wiehed Indjan li kienet ltaqghet mieghu u dan peress illi ried isiefer u riedet tmur mieghu.*

*Jasmine qaltilna li kienet ser tghidlu biex jigi d-dar taghna ghax qallha li ried jiltaqa' mal-genituri taghha. Fil-fatt ftit granet wara gie d-dar. Qalilna li l-familja tieghu ghandha 'business' kbir fl-Indja u ghandhom fabbrika li taghmel it-tessuti. Barra li kienu jbieghu fl-Indja qal li kienu wkoll jesportaw lejn il-Kuwait u fl-inhawi tal-vicin. Qalilna wkoll li ghandu ohtu mizzewga Germaniz u toqghod fil-Germanja.*

*Ahna konna wrejnieh li ma hadniex gost li kienu ser jizzewgu u jsiefru. Meta ghidnilu hekk Shajidas wiegeb li konna fehemnih hazin. Ir-raguni li kien ser isiefer, skond hu, kienet li ser jaghmel kumpanija mar-ragel t'ohtu (l-Germaniz) fuq xi 'solar heating'.*

*Il-mara tieghi staqsietu x'ser jghidu l-genituri tieghu meta jghidilhom li kien ser jizzewweg wahda li mhix Indjana. Wara xi zmien sirna nafu minghand ohtu li l-genituri tieghu kienu rieduh jizzewweg ohra. Hu kien jghid li l-genituri tieghu kienu jafu li kien ser jizzewweg. Pero' ohtu, f'ittra li baghtet lil Jasmine tghid li saru jafu biz-zwieg tieghu recentement u hafna wara li fil-fatt izzewgu.*

*Ahna konna sellifnih hafna flus lil Shajidas. Ghall-bidu konna nsellfuh Lm500 fuq Lm500 izda wara, minhabba d-dejn li kien ghamel, konna sellifnih madwar Lm35,000.*

*Wara li zzewgu Jasmine u Shajidas ghamlu xi sitt xhur jghixu fid-dar taghna (mhux konsekuttivament izda meta ma kienx ikollhom 'flat' fejn joqghodu). F'dan iz-zmien Shajiidas kien jaghmel ljieli mqajjem fuq il-'computer' fl-istudju tat-tifel (Randolph Nicholas). Kien idum anke sal-4:00 a.m. Fil-ghodu mbaghad ma kienx iqum ghax-xoghol (suppost jibda fit-8.30 am) izda kien jibqa' rieqed anke sa nofsinhar.*

*Meta kien jitkellem maghna kien dejjem isemmi princpijiet u Shahs u kien jghid li kien jafhom. Peress li kien ihawwad fid-diskors kellna dubju kemm kien ikun qed jghid il-verita'.*

*Wara li zzewget Jasmine jien u l-mara morna gimghatejn il-Bahrain biex naraw fejn kienet qed tghix it-tifla. Ahna hemmhekk konna noqghodu go Hotel. F'dan iz-zmien ma tantx konna narawh lil Shajidas. Konna rajniha stramba li waqt li konna hemm lanqas biss indenja jdawwarna xi ftit il-pajjiz.*

*Meta gie li tkellimna dwar ir-religjon tieghu, il-Hindu, kien jghidilna li din ma kenitx tidhol fil-hajja tieghu.*

*Meta Jasmine saret 'teenager' kien ikollha hafna 'clashes' maghna fis-sens illi hi kienet topponi ghal hafna affarijiet li konna nghidulha u dan specjalment mal-mara tieghi. Telqet ghal kollox il-funzjonijiet kollha tal-knisja. Kienet dejjem tghid li trid aktar liberta', li ma tridx tfal, li ma tridx tizzewweg u li trid tmur l-Amerika.*

*Meta gieli Mary Grace kienet tghidilha biex tmur 'kindergarten teacher' kienet twegeb li ma kenitx taf tmur mat-tfal.*

*Jasmine kienet rasha iebsa hafna. Meta konna nitkellmu dwar id-decizjoni taghha li tmur tghix ma' Shajidas konna nghidulha: "Taf x'inti taghmel meta tghid li ser tmur tghix mieghu?" Kienet tghidilha: "Jiena ninfurmakom qeghda u mhux nitlobkom parir".*

*Kien hemm mument meta ridna nindagaw fuq l-identita' ta' Shajidas anke mal-ambaxxata tal-Indja f'Malta izda Jasmine ma riditx u ghalhekk ma nsistejniex. Dan huwa ezempju zghir minn hafna fejn Jasmine kienet topponi ghal-ideat taghna.*

*Shajidas jidher li qisu ghandu 'dual personality' fis-sens illi jurik wicc izda fil-verita' jkollu wicc iehor. Ghal kull haga li tghidlu r-risposta tieghu dejjem 'no worry'. Ghalih kollox 'plain' pero' wara ssib li kollox bil-kontra ta' li jghid. Kien kapacissmu biex iwieghed izda wara ma jzommx kelmtu.*

*Xi kultant anke kellna d-dubju li forsi kellu l-vizzju tal-loghob. Dan minhabba li dejjem kien irid jissellef il-flus*

*minghandna u minhabba li ma kienx konsistenti fid-diskors tieghu.*

*Meta kien Malta, Shajidas kien waqqaf kumpanija jisimha 'Ushua Communications'. Kien jimpjega xi disa' min-nies. Din il-kumpannija falliet xi erba' xhur wara li twaqqfet. F'dan iz-zmien qasir huwa kien xtara numru ta' karozzi 'second hand', fosthom 'Alfa Romeo' u karozza Amerikana ghalih, karozza lis-'salesgirl' u karozza ohra ghallkumpanija. Shajidas irnexxilu jaghmel dejn ta' eluf kbar ta' liri f'din il-kumpannija. Dan id-dejn spiccajna hallasnih ahna b'rispett lejn it-tifla taghna.*

*Ahna nahsbu li t-tifla zzewgitu biex tehles minna, l-genituri taghha. Peress illi taht is-soritijiet kienet dejjem tghid kemm kienet oppressa nahsbu li meta ma baqghetx tmur l-iskola tas-sorijiet sabet il-liberta' u ghalhekk kull sens ta' dixxiplina u sikkatura, anke minna li konna u ghadna nhobbuha hafna, kien idejjaqha hafna. Mill-banda l-ohra l-impressjoni taghna hi li hu zzewwigha ghal xi skopijiet ta' mohhu fosthom forsi biex ikun jista' jkompli jssellef il-flus minghandna ghax kien jaf li ahna ghat-tifla konna naghmlu kollox.*

*Illum Jasmine tidher li mmaturat hafna aktar anke minhabba l-esperjenzi li ghaddiet minnhom. Recentement bdiet tahdem f'agenzija tas-safar wara kors li ghamlet fl-Institute of Tourism Studies.*

*Lit-tifel taghha, Sian, tiehu hsiebu b'responsabbilta' kbira. Ahna niehdu hsiebu qisu t-tifel taghna. Meta kienet tkun l-Institute of Tourism Studies, u issa waqt li tkun qed tahdem it-tifel ikun maghna. Altrimenti it-tifel dejjem maghha.*

*Jidher li l-esperjenza li ghaddiet minnha Jasmine halliet certi effetti fuqha ghax il-konfronti li kien ikun hemm bejnietna kwazi spiccaw ghal kollox u fl-opinjoni tieghi llum ghandha hafna aktar sens ta' responsabbilta' milli kellha dakinhar li ddecidiet li tizzewweg lil dan l-Iindjan".*

Fl-ahhar tat xehdet ukoll **Mary Grace Bartoli** fejn sostniet illi:-

*"Jiena omm Jasmine Bartoli, l-attrici.*

*L-ewwel darba li jien u r-ragel tieghi, Randolph Joseph, smajna dwar ir-ragel ta' Jasmine, Shajidas, kien waqt li konna qeghdin nieklu barra fir-restaurant 'Re del Pesce'. Dakinhar Jasmine qaltilna li riedet tizzewweg wiehed Indjan li kienet ltaqghet mieghu u dan peress illi ried isiefer u riedet tmur mieghu.*

*Jasmine qaltilna li kienet ser tghidlu biex jigi d-dar taghna ghax qallha li ried jiltaqa' mal-genituri taghha. Fil-fatt ftit granet wara gie d-dar. Qalilna li l-familja tieghu ghandha 'business' kbir fl-Indja u ghandhom fabbrika li taghmel it-tessuti. Barra li kienu jbieghu fl-Indja qal li kienu wkoll jesportaw lejn il-Kuwait u fl-inhawi tal-vicin. Qalilna wkoll li ghandu ohtu mizzewga Germaniz u togghod fil-Germanja.*

*Ahna konna urejnieh li ma hadniex gost li kienu ser jizzewgu u jsiefru. Meta ghidnilu hekk Shajidas wiegeb li konna fehemnih hazin. Ir-raguni li kien ser isiefer, skond hu, kienet li ser jaghmel kumpanija mar-ragel t'ohtu (il-Germaniz) fuq xi 'solar heating'.*

*Jiena staqsejtu x'ser jghidu l-genituri tieghu meta jghidilhom li kien ser jizzewweg wahda li mhix Indjana. Wara xi zmien sirna nafu minghand ohtu li l-genituri tieghu kienu rieduh jizzewweg ohra. Hu kien jghid li l-genituri tieghu kienu jafu li kien ser jizzewweg. Pero' ohtu, f'ittra li baghtet li Jasmine tghid li saru jafu biz-zwieg tieghu recentement u hafna wara li fil-fatt izzewgu.*

*Ahna konna sellifnih hafna flus lil Shajidas. Ghall-bidu konna nsellfuh Lm500 fuq Lm500 izda wara, minhabba d-dejn li kien ghamel, konna sellifnih madwar Lm35,000.*

*Wara li zzewgu Jasmine u Shajidas ghamlu xi sitt xhur jghixu fid-dar taghna (mhux konsekuttivament izda meta*

*ma kienx ikollhom 'flat' fejn joqghodu). F'dan iz-zmien Shajidas kien jaghmel Ijieli mqajjem fuq il-'computer' fl-istudju tat-tifel (Randolph Nicholas). Kien idum anke sal-4:00 a.m. Fil-ghodu mbaghad ma kienx iqum ghax-xoghol (suppost jibda fit-8:30 a.m.) izda kien jibqa' rieqed anke sa nofsinhar.*

*Meta kien jitkellem maghna kien dejjem isemmi princpijiet u Shahs u kien jghid li kien jafhom. Peress li kien ihawwad fid-diskors kellna dubju kemm kien ikun qed jghid il-verita'.*

*Wara li zzewget Jasmine jien u r-ragel morna gimaghtejn il-Bahrain biex naraw fejn kienet qed tghix it-tifla. Ahna hemmhekk konna noqghodu go Hotel. F'dan iz-zmien ma tantx konna narawh lil Shajidas. Konna rajniha stramba li waqt li konna hemm lanqas biss indenja jdawwarna xi ftit il-pajjiz.*

*Meta gie li tkellimna dwar ir-religjon tieghu, il-Hindu, kien jghidilna li din ma kenitx tidhol fil-hajja tieghu.*

*Meta Jasmine saret 'teenager' kien ikollha hafna 'clashes' maghna fis-sens illi hi kienet topponi ghal hafna affarijiet li konna nghidulha u dan specjalment mieghi. Telqet ghal kollox il-funzjonijiet kollha tal-knisja. Kienet dejjem tghid li trid aktar liberta', li ma tridx tfal, li ma tridx tizzewweg u li trid tmur I-Amerika.*

*Meta gieli kont nghidilha biex tmur 'kindergarten teacher' kienet twegeb li ma kenitx taf tmur mat-tfal.*

*Jasmine kienet rasha iebsa hafna. Meta konna nitkellmu dwar id-decizjoni taghha li tmur tghix ma' Shajidas konna nghidulha: "Taf x'inti taghmel meta tghid li ser tmur tghix mieghu?" Kienet tghidilna: "Jiena ninfurmakhom qeghda u mhux nitlobkom parir".*

*Kien hemm mument meta ridna nindagaw fuq I-identita' ta' Shajidas anke mal-ambaxxata tal-Indja f'Malta izda Jasmine ma riditx u ghalhekk ma nsistejniex. Dan huwa*

*ezempju zghir minn hafna fejn Jasmine kienet topponi ghal-ideat taghna.*

*Shajidas jidher li qisu ghandu ‘dual personality’ fis-sens illi jurik wicc izda fil-verita' jkollu wicc iehor. Ghal kull haga li tghidlu r-risposta tieghu dejjem ‘no worry’. Ghalih kollox ‘plain’ pero' wara ssib li kollox bil-kontra ta' li jghid. Kien kapacissmu biex iwieghed izda wara ma jzommx kelmtu.*

*Xi kultant anke kellna d-dubju li forsi kellu l-vizzju tal-loghob. Dan minhabba li dejjem kien irid jissellef il-flus minghandna u minhabba li ma kienx konsistenti fid-diskors tieghu.*

*Meta kien Malta, Shajidas kien waqqaf kumpanija jisimha ‘Ushua Communications’. Kien jimpjega xi disgha min-nies. Din il-kumpannija falliet xi erba' xhur wara li twaqqfet. F'dan iz-zmien qasir huwa kien xtara numru ta' karozzi ‘second hand’, fosthom ‘Alfa Romeo’ u karozza Amerikana ghalih, karozza lis-‘salesgirl’ u karozza ohra ghall-kumpanija. Shajidas irnexxilu jaghmel dejn ta' eluf kbar ta' liri f'din il-kumpannija. Dan id-dejn spiccajna hallasnih ahna b'rispett lejn it-tifla taghna.*

*Ahna nahsbu li t-tifla zzewgitu biex tehles minna, l-genituri taghha. Peress illi taht is-soritijiet kienet dejjem tghid kemm kienet oppressa nahsbu li meta ma baqghetx tmur l-iskola tas-sorijiet sabet il-liberta' u ghalhekk kull sens ta' dixxiplina u sikkatura, anke minna li konna u ghadna nhobbuha hafna, kien idejjaqha hafna. Mill-banda l-ohra l-impressjoni taghna hi li hu zzewigha ghal xi skopijiet ta' mohhu fosthom forsi biex ikun jista' jkompli jssellef il-flus minghandna ghax kien jaf li ahna ghat-tifla konna naghmlu kollox.*

*Illum Jasmine tidher li mmaturat hafna aktar anke minhabba l-esperjenzi li ghaddiet minnhom. Recentement bdiet tahdem f'agenzija tas-safar wara kors li ghamlet fl-Institute of Tourism Studies.*

*Lit-tifel taghha, Sian, tiehu hsiebu b'responsabbilta' kbira. Ahna niehdu hsiebu qisu t-tifel taghna. Meta kienet tkun l-Institute of Tourism Studies, u issa waqt li tkun qed tahdem it-tifel ikun maghna. Altrimenti it-tifel dejjem maghha.*

*Jidher li l-esperjenza li ghaddiet minnha Jasmine halliet certi effetti fuqha ghax il-konfronti li kien ikun hemm bejnietna kwazi spiccaw ghal kollox u fl-opinjoni tieghi llum ghandha hafna aktar sens ta' responsabbilta' milli kellha dakinhar li ddecidiet li tizzewweg lil dan l-Indjan".*

**(ii). PRINCIPJI LEGALI.**

Illi l-attrici tinvoka n-nuqqas serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fil-kunsens li taw il-partijiet bhala raguni ghaliex iz-zwieg taghhom ghandu jigi ddikjarat null u bla effett. Dan *ai termini* tal-**artikoli 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta**, fejn jinghad hekk:-

***19 (1)*** *B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, zwieg ikun null*:-

***(d)*** *jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenjali taz-zwieg;*

***(f)*** *jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg:*

Illi rigward dak li jinghad fis-**sub inciz 19 (1) (d)** fuq citat jinghad li l-kunsens fir-rabta taz-zwieg jirrikjedi maturita ta' hsieb u karattru sabiex min jidhol ghal dan il-pass ikun konxju li zwieg ifisser *commitment* lejn din ir-rabta.

Illi l-awtur ***Bersini*** – **Il Diritto Canonico Matrimoniale (Torino 1994)** ighid hekk fuq il-grad ta' maturita rikjesta sabiex wiehed jikkuntratta z-zwieg:-

*"Per dare un valido consenso, non e' sufficiente il grado di ragione col quale speculativamente uno sappra che cosa e il matrimonio; e necessaria la maturita di giudizio capace di ponderare in concreto i doveri e i diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e necessaria la discrezione non tanto per l'alto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell'alto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro."*

Illi l-Qorti hija tal-fehma li l-partijiet ma dahlux ghaz-zwieg b'konoxxenza shiha li dan kien ser ikun impenn totali ghal hajjitom kollha, anzi l-fatti dwar dan il-kaz, kif riprodotti f'din il-kawza juru li l-ebda wahda mill-partijiet ma dahlet ghal dan iz-zwieg bis-serjeta' u l-preparazjoni necessarja, u jidher li t-tnejn li huma ghamlu dan il-pass qishom qed jiehdu tazza te', fis-sens li ma kien hemm serjeta' ta' xejn.

Illi jekk wiehed ihares len il-komportament tal-attrici jidher li f'dak iz-zmien qabel iz-zwieg kien mohhha biss li tixxala, u wkoll topponi ghal kollox lill-genituri taghha fuq kull haga mmaginabbli, u b'sens ta' ribeljoni ghat-trobbija taghha sew, fejn kienet tmur l-iskola tas-sorijiet, hija kienet laxka f'dak kollu li taghmel, tant li kien ikollha relazzjonijiet sesswali ma' guvintur, minghajr ma taghmel xejn sabiex almenu tipprotegi ruhha. Dan is-sens ta' sfida jidher car minn dak kollu li ghamlet l-attrici tul dan iz-zmien kollu, mghejjuna wkoll mill-fatt li l-istess attrici, ghall grazzja ta' Alla, jidher li kellha kollox, u l-genituri taghha kienu jaraw li litteralment ikollha kollox.

Illi jidher li kien f'dan is-sens fejn ghaliha xejn ma huwa xejn u kollox kien iservi bhala avventura li hija bdiet tohrog mal-konvenut, li kien ta' nazzjonalita' Indjana, u kellha wkoll relazzjonijiet intimi mieghu, bil-konsegwenza li harget tqila, u accettat li tizzewweg, ghalkemm il-konvenut kien ilu jghidilha biex jizzewgu.

Illi ovvjament dan ma' l-animu li bih l-attrici dahlet ghall dan iz-zwieg juri sens ta' mmaturita' tali li jista' jinghad li l-istess attrici ma kellhiex id-diskrezzjoni necessarja sabiex tidhol fi zwieg validu *stante* li hija dahlet ghal dan iz-zwieg, ghaliex hassitha li hekk kellha taghmel minhabba l-istess tqala taghha. F'dan il-kaz mhux hekk biss, izda riedet turi lill-genituri taghha li bhal speci hajjitha hija taghha u taghmel li trid, ghalkemm indenjat ruhha li tinformahom b'dan il-pass li ser taghmel, bhal speci turihom ukoll b'enfasi li jghidu x'jghidu, jew jahsbu x'jahsbu hija kienet ser taghmel li trid, ghaliex hija kellha l-eta' taghha u riedet ukoll tehles mid-dar tal-genituri taghha.

Illi dan kollu huwa ben differenti minn dak l-awtur ***Bernard A. Siegle***, fil-ktieb tieghu **"Marriage According to the New Code of Canon Law"** jghid li jrid ikun il-kunsens tal-partijiet fiz-zwieg fejn dawn ghandhom u jridu joffru lil xulxin:-

*"a) the right to a community of life;*

*b) the possibility of living this community of life*

*c) the right to the conjugal act;*

*d) the other essential properties of marriage – unity, fidelity and indissolubility"*

Illi ***Siegle*** jkompli jghid illi wiehed mill-elementi tal-kunsens hu l-maturita` li skond l-awturi rotali u gurisprudenza rotali tinkludi:-

*"a) an affective maturity that enables them to grasp the deep meaning of the conjugal covenant and to give it permanent value.*

*b) a discernment of judgement proportionate to the importance of the pact being concluded;*

*c) an internal free choice of will without coercive impulsions;*

*d) a freeness of character or personality that is capable of effective decision making.*

*e) a normal sexuality".*

Illi dan kollu jidher li kien mankanti fil-kaz tal-attrici u l-istess jista' jinghad ghall-konvenut, ghaliex dan jidher li kien mohhu li jizzewweg lill-attrici fl-ewwel lok u qabel kollox ghax ra li huwa seta' jistrieh fuqha u fuq il-familjari taghha ghar-ragunijiet finanzjarji, kif fl-ahhar mill-ahhar ghamel b'certu konsistenza tul il-konvivenza tieghu mal-attrici, u finalment din il-Qorti hija konvinta li uza t-tqala tal-istess attrici, sabiex iwassal lill-attrici ghal dan l-hekk imsejjah zwieg. Dan peress li jidher li l-konvenut ma kellu ebda serjeta' ta' xejn, u kien ipingi l-hajja kollha tlellix, b'faxxinu orjentali, u dan bl-iskop uniku li jaghti lill-attrici mpressjoni tieghu u ta' hajja li kienu l-boghod sew mir-realta, stampa li l-istess attrici ghazlet li taccetta *"on face value"* ghaliex kien iservi sew ghall-iskoijiet taghha li tisfida kull tip ta' hajja li ma gietx approvata mill-genituri taghha. Dan mghejjuna wkoll mill-fatt li l-istess genituri taghha, kienu jtuha kollox bla ebda diffikolta'.

Illi fil-fatt jidher car li la l-genituri taghha u lanqas l-attrici ma jidhru li jafu precizament min hu dan l-istess konvenut, ghaliex jidher car li l-konvenut kien ipingi lilu nnifsu skond ma' min ikun qed jitkellem, bl-iskop li jipprova jersaq ma' dak li jkun bl-iskop uniku li jiehu dak li jrid minnu biss. F'dan il-kaz, almenu minn dak li xehdu l-attrici u x-xhieda minnha prodotti, jidher palez li l-konvenut qatt ma kien sincier, izda biss ried juza lill-attrici u anke lill-genituri taghha ghall-iskopijiet tieghu, u cjoe' li jivvantaggja ruhu minnhom finanzjarjament, kif fil-fatt gara, mhux darba izda ghal diversi drabi.

Illi l-Qorti ghalhekk hija tal-fehma li dan l-istess zwieg ghandu jigi dikjarat null skond id-dispozizzjonijiet tal-**artiklu 19 (1) (d) tal-Kap 255,** ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet.

Illi l-Qorti ezaminat il-provi prodotti fid-dawl tal-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255** li fil-fatt fl-**artikolu 19 (1) (f)** jiddisponi li:

***19 (1)*** *"B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, zwieg ikun null:*

***(f)*** *jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg."*

Illi dan is-sub-artikolu wkoll gie diskuss u ezaminat fis-sentenza **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** deciza minn din il-Qorti kif presjeduta (Cit. Nru. 1019/98/RCP – 9 ta' Marzu, 2000) u skans ta' ripetizzjoni qed issir referenza ghall-principji hemm enuncjati. Illi *inoltre* fis-sentenza **"Theresa Taguri nee` Spiteri vs Avukat Christopher Cilia et noe"** (Cit. Nru. 3130/96/NA deciza fl-10 ta' Novembru 1999) gie ritenut illi:-

*"Fl-interpretazzjoni ta' dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex necessarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perjodu immedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens."*

Illi taht dan l-aspett jidher car li minn-naha tal-attrici l-istess zwieg kien biss avventura ghaliha, u dahlet ghall-istess pass bl-insistenza tal-konvenut u finalment ghaliex inqabdet tqila qabel iz-zwieg; zzewget civilment b'ghaggla sostanzjali u pero' kellha dejjem f'mohhha li dan setghet tohrog minnu facilment u meta u kif trid hija, kuncett ghal kollox zbaljat, izda li sfortunatament jinsab difuz sew fis-socjeta' taghhna.

Illi dan, fl-umili opinjoni ta' din il-Qorti, huwa dovut ukoll ghal fatt li forsi l-preparazzjoni ghaz-zwieg, ma hijiex qed tinghata l-importanza li jixirqilha, konsegwenti wkoll ghac-cirkostanzi ta' hajja odjerna, fejn qed ssir enfazi kbira fuq

hajja ta’ divertiment totali min-naha u min-naha l-ohra girja sfrenata sabiex l-mizzewgin ikollhom l-ahjar djar mghammrin b’kollox, ghanijiet li qed jigu persegwitati b’tali sahha, li mhux qed ihallu spazju kemm ghall-konnoxxenza reciproka bejn il-mizzewgin, u wkoll sabiex il-partijiet verament jifhmu l-hajja ta’ dedikazzjoni reciproka li jkunu dehlin ghaliha, li ma ghandha thalli lok ghall-ebda miri egoistici, u din il-hajja hija ndossolibbli u permanenti.

Illi jidher li taht dan l-aspett l-attrici eskludiet *a priori* elementi essenzjali taz-zwieg, u l-istess jista’ jinghad ghall konvenut, *stante* li jidher car li huwa zzewweg lill-attrici ghal skopijiet tieghu sabiex jigi vvantaggjat mill-fatt li l-genituri u allura l-attrici kien *per bene,* u huwa seta’ jisfruttahom ghall-ghanijiet tieghu, kif fil-fatt ghamel, tant li *nonostante* li l-attrici u l-istess genituri taghha waqqfu mieghu u mal-wild tieghu b’mod mill-aktar konsistenti, huwa kompla ghex il-hajja tieghu, u sahanistra abbanduna dik li hija l-familja tieghu u cjoe’ l-attrici u binha, u rari jekk mhux qatt ma pprovda ghall-manteniment u l-ghixien taghhom, lanqas meta l-istess minuri kellu bzonn interventi medici. Illi jidher car taht dan l-aspett li l-konvenut uza t-tqala tal-attrici ghall-iskopijiet tieghu biss, u b’hekk inganna lill-attrici, u taht dan l-aspett ma hemm l-ebda dubju li l-kunsens tal-konvenut kien simulat.

Illi abbazi ta’ dak prodott, din il-Qorti ghalhekk tiddikjara l-istess zwieg bejn il-kontendenti bhala null u bla effett ukoll *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255,** ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati in kwantu l-istess huma nkompatibbli ma’ dak hawn deciz, u tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni u t-tielet talba attrici *stante* c-cessjoni taghhom b’nota tad-29 ta’ Ottubru 2002, **tilqa’ l-ewwel (1) talba attrici** biss kif hawn deciz, b’dan illi:-

**1.** Tiddikjara null iz-zwieg tal-kontendenti li sehh fl-4 ta' Mejju 1998 *ai termini* tal-**artikoli 19 (1) (d) u (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Bl-ispejjez kollha jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet, filwaqt li l-kuraturi deputati ghandhom jithallsu skond il-ligi.

**Moqrija.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------